

DEĊIŻJONI Nru 1673/2006/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

ta' l-24 ta' Ottubru 2006

dwar il-finanzjament ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, b'mod partikolari l-Artikoli 95 u 157(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat ⁽²⁾,

Billi:

- (1) L-istandardizzazzjoni Ewropea hija attività volontarja mwettqa minn u għall-partijiet li għandhom interess fl-istabbiliment ta' standards u ta' prodotti oħra ta' l-istandardizzazzjoni li jwieġbu għall-ħtiġijiet tagħhom. Dawn il-prodotti ta' l-istandardizzazzjoni huma stabbiliti mill-Kumitat Ewropew għall-istandardizzazzjoni, il-Kumitat Ewropew għall-istandardizzazzjoni elettroteknika, u l-Istitut Ewropew għall-Istandards fit-Telekomunikazzjoni, korpi elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u r-regolamenti tekniċi u r-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà ta' l-Infommazzjoni ⁽³⁾, (minn hawn "il quddiem imsejħa 'il-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni').
- (2) Id-Direttiva 98/34/KE tippermetti lill-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lill-Kumitat stabbilit mid-Direttiva, tressaq talbiet għall-istandardizzazzjoni lill-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni. Linji Gwida Ġenerali għall-Kooperazzjoni bejn is-CEN, is-Cenelec u l-ETSI u l-Kummissjoni Ewropea u l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles tat-28 ta' Marzu 2003 ⁽⁴⁾ jistabbilixxu r-relazzjonijiet ta' sħubija bejn il-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni u l-Komunità u l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Kummerċ Ħieles, li wkoll tipprowdi appoġġ għall-istandardizzazzjoni Ewropea.
- (3) Huwa meħtieġ li l-Kommunità tikkontribwixxi għall-finanzjament ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea meta jitqies l-irwol utli li din għandha fl-appoġġ tal-leġiżlazzjoni u tal-politika tagħha. Minn naħa waħda, l-istandardizzazzjoni Ewropea tikkontribwixxi għall-funzjonament u għat-tisħiħ tas-suq intern, b'mod partikolari bis-saħħa tad-direttivi magħrufa bħala 'Approċċ Ġdid' fl-oqsma tas-saħħa, tas-sigurtà u tal-ħarsien ta' l-ambjent u tal-konsumaturi, u sabiex tiżgura l-interoperabilità f'oqsma bħalma hu dak tat-trasport. Min-naħa l-oħra, l-istandardizzazzjoni

Ewropea tgħin biex tittejjeb il-kompetittività ta' intrapriżi billi tiffaċilita b'mod partikolari l-moviment liberu ta' merkanzija u ta' servizzi, l-interoperabilità tan-networks, il-mezzi ta' komunikazzjoni, l-iżvilupp u l-innovazzjoni teknoloġika f' attivitajiet bħalma hija t-teknoloġija ta' l-informazzjoni. Għaldaqstant, huwa xieraq li jiġi inkluż f'din id-Deċiżjoni l-finanzjament ta' l-attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u tat-telekomunikazzjonijiet, li wkoll huma rregolati, b'mod partikolari, bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar l-istandardizzazzjoni fil-qasam tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u tat-telekomunikazzjonijiet ⁽⁵⁾.

- (4) Jeħtieġ li din id-Deċiżjoni tagħti bażi legali ċara, sħiħa u ddettaljata għall-finanzjament mill-Komunità ta' l-attivitajiet kollha fir-rigward ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-politika u l-leġiżlazzjoni tagħha.
- (5) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs), b'mod partikolari l-intrapriżi żgħar, żgħar ħafna u ta' snajja, ikunu kapaċi japplikaw l-istandards Ewropej. Għalhekk dawn l-istandards għandhom jiġu mfassla u addattati b'mod li jieħdu kont tal-karatteristiċi u l-ambjent ta' intrapriżi bħal dawn.
- (6) Il-finanzjament Komunitarju għandu ifittex li jistabbilixxi standards jew prodotti ta' standardizzazzjoni oħra, biex jiffaċilita l-użu tagħhom minn intrapriżi permezz tat-traduzzjoni tagħhom fid-diversi lingwi uffiċjali tal-Komunità, biex isaħħaħ il-koeżjoni tas-sistema Ewropea ta' standardizzazzjoni u biex jiżgura aċċess ġust u trasparenti għall-istandards Ewropej għal parteċipanti kollha tas-suq fi ħdan l-Unjoni Ewropea kollha. Dan huwa importanti b'mod speċjali fir-rigward ta' każijiet fejn l-użu ta' l-istandards jippermetti l-konformità mal-leġiżlazzjoni Komunitarja.
- (7) L-allokazzjonijiet għall-attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea għandhom ikunu stabbiliti ta' kull sena mill-awtorità tal-baġit fil-parametri ta' pakkett finanzjarju indikattiv għal perjodu tal-qafas finanzjarju rilevanti u għandu jkun is-suġġett ta' deċiżjoni annwali tal-Kummissjoni li tistabbilixxi l-ammonti u, fejn ikun il-każ, ir-rati massimi ta' kofinanzjament skond it-tip ta' attività.
- (8) Fid-dawl ta' l-ambitu wiesa' ħafna ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea fl-appoġġ tal-politika u l-leġiżlazzjoni tal-Komunità u tat-tipi differenti ta' attivitajiet fir-rigward ta' l-istandardizzazzjoni, għandhom jiġu previsti arranġamenti

⁽¹⁾ ĠU C 110, 9.5.2006, p. 14.

⁽²⁾ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Mejju 2006 (għadha mhijjex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u Deċiżjoni ta' 18 ta' Settembru 2006.

⁽³⁾ ĠU L 204, 21.7.1998, p. 37. Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2003.

⁽⁴⁾ ĠU C 91, 16.4.2003, p. 7.

⁽⁵⁾ ĠU L 36, 7.2.1987, p. 31. Deċiżjoni kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 807/2003 (ĠU L 122, 16.5.2003, p. 36).

- differenti għall-finanzjament. Dan jikkonċerna prinċipalment għotjiet ta' flus mingħajr sejħiet għal proposti lill-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni, bi qbil mad-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 110 (1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ⁽¹⁾, (minn hawn il quddiem imsejjaħ 'ir-Regolament Finanzjarju'), u l-Artikolu 168(1)(d) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 ⁽²⁾.
- (9) Minbarra dan, l-istess għandu japplika fil-każ ta' dawk il-korpi li, filwaqt li mhumix rikonoxxuti bħala korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni fl-Anness I tad-Direttiva 98/34/KE, ingħataw mandat f'att bażiku u ġew inkarigati biex iwettqu xogħol preliminarju b'appoġġ għall-istandardizzazzjoni Ewropea b'koperazzjoni mal-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni.
- (10) L-Istati Membri huma mħeġġa li jiżguraw finanzjament nazzjonali xieraq għal xogħlijiet ta' standardizzazzjoni.
- (11) Minbarra dan, billi l-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni jipprovdu appoġġ kontinwu għall-attivitajiet tal-Komunità, huma għandu jkollhom segretarjati ċentrali effettivi u effiċjenti. Għaldaqstant, il-Kummissjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tagħmel għotjiet ta' flus lil dawk il-korpi li jkollhom għan ta' interess ġenerali Ewropew bla ma tapplika, fil-każ ta' għotjiet ta' flus għall-funzjonament, il-prinċipju tat-tnaqqis annwali msemmi fl-Artikolu 113(2) tar-Regolament Finanzjarju. Il-funzjonament effettiv tal-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni jeħtieġ ukoll li l-membri nazzjonali ta' dawn il-korpi jaqdu l-obbligi tagħhom rigward kontributi finanzjarji lejn is-sistema Ewropea ta' l-istandardizzazzjoni.
- (12) Il-finanzjament ta' l-attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni għandu jkun ukoll kapaċi li jkopri attivitajiet ta' tħejjija jew supplementari b'konnessjoni ma' l-istabbiliment ta' standards jew ta' prodotti oħra ta' l-istandardizzazzjoni. Dan jirreferi b'mod partikolari għax-xogħlijiet li għandhom x'jaqsmu mar-riċerka, it-tħejjija ta' dokumenti preliminari għal-leġiżlazzjoni, testijiet bejn laboratorji differenti u l-validazzjoni jew l-evalwazzjoni ta' standards. Minbarra dan, il-promozzjoni ta' l-istandardizzazzjoni fuq il-livell Ewropew u internazzjonali għandha tinkludi t-tweqqif ta' programmi ta' koperazzjoni u ta' assistenza teknika ma' pajjiżi terzi. Sabiex jittejjeb l-aċċess għas-suq u tissaħħaħ il-kompetittività ta' l-intrapriżi ta' l-Unjoni Ewropea, għandu għallhekk isir provvediment għal għotjiet ta' flus lil korpi oħra permezz ta' sejħiet għal proposti jew, fejn ikun il-każ, proċeduri għall-għoti ta' kuntratti.
- (13) Ftehim ta' sħubija huma ffirmati regolarment bejn il-Kummissjoni u l-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni

sabiex jiġu stabbiliti r-regoli amministrattivi u finanzjarji dwar l-iffinanzjar ta' l-attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni skond id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom jinżammu infurmati bil-kontenut ta' dawn il-ftehim.

- (14) Meta titqies in-natura speċifika tax-xogħlijiet ta' l-istandardizzazzjoni, u b'mod partikolari ta' l-involvement fil-proċess ta' l-istandardizzazzjoni ta' numru ta' partijiet interessati, għandu jintgħaraf li l-kofinanzjament ta' l-attivitajiet ta' produzzjoni ta' l-istandards Ewropej, jew ta' prodotti oħra ta' l-istandardizzazzjoni li jirċievu għotjiet ta' flus mill-Komunità jkun jista' jsir permezz ta' kontribuzzjonijiet mhux finanzjarji, per eżempju bit-tqegħid ta' esperti għad-dispożizzjoni tal-ħidma.
- (15) Biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva ta' din id-Deċiżjoni, għandu jkun hemm il-possibiltà li tkun użata l-kompetenza neċessarja, partikolarment fir-rigward ta' verifika u ta' amministrazzjoni finanzjarja, kif ukoll tal-mezzi ta' appoġġ amministrattivi li jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni, u li jkun evalwat regolarment ir-relevanza ta' l-attivitajiet li jirċievu l-finanzjament mill-Komunità biex jiġu żgurati l-utilità u l-impatt tagħhom.
- (16) Jeħtieġ ukoll li jittieħdu miżuri xierqa biex jiġu evitati l-frodi u l-irregolaritajiet, kif ukoll biex jiġu rkuprati fondi li jkunu tħallsu mingħajr ma kienu dovuti bi qbil mar-Regolamenti tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 2988/95 tat-18 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej ⁽³⁾ u (Euratom, KE) Nru 2185/96 tal-11 ta' Novembru 1996 dwar il-kontroll u s-spezzjonijiet fuq il-post immexxija mill-Kummissjoni għall-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunitajiet Ewropej mill-frodi u minn irregolaritajiet oħra ⁽⁴⁾, u mar-Regolament (KE) Nru 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet imwettqa mill-Uffiċċju Ewropew kontra l-Frodi (OLAF) ⁽⁵⁾.

IDDEĊIEDEW KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Suġġett

Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi r-regoli dwar il-kontribut tal-Komunità għall-finanzjament ta' l-istandardizzazzjoni Ewropea sabiex tiġi appoġġata l-implimentazzjoni ta' politika, miżuri, azzjonijiet u leġiżlazzjoni speċifiċi tal-Komunità.

Artikolu 2

Korpi eliġibbli għall-finanzjament Komunitarju

Il-finanzjament Komunitarju jista' jingħata lill-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni rikonoxxuti li huma elenkati fl-Anness I tad-Direttiva 98/34/KE għall-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet elenkati fl-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1. Regolament kif emendat bir-Regolament (KE, Euratom) Nru 1248/2006 (ĠU L 227, 19.8.2006, p. 3).

⁽³⁾ ĠU L 312, 23.12.1995, p. 1.

⁽⁴⁾ ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2.

⁽⁵⁾ ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1.

Madankollu, finanzjament mill-Komunità jista' wkoll jingħata lil korpi oħra għall-implimentazzjoni tax-xogħol preliminarju jew anċillari li għandu konnessjoni ma' l-istandardizzazzjoni Ewropea msemmija fl-Artikolu 3(1)(b), kif ukoll għall-programmi msemmija fl-Artikolu 3(1)(f).

Artikolu 3

Attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni eliġibbli għall-finanzjament mill-Komunità

1. Il-Komunità tista' tiffinanzja l-attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni Ewropej li ġejjin:

- (a) il-produzzjoni u r-reviżjoni ta' standards Ewropej jew ta' kwalunkwe prodott ta' l-istandardizzazzjoni ieħor neċessarju u xieraq għall-implimentazzjoni tal-politika u tal-leġislazzjoni tal-Komunità;
- (b) it-tweqqif ta' xogħol preliminarju jew anċillari li għandu konnessjoni ma' l-istandardizzazzjoni Ewropea bħalma huma studji, programmi, evalwazzjonijiet, analiżi komparattivi, xogħlijiet ta' riċerka, xogħol fl-laboratorji, testijiet bejn laboratorji differenti u xogħol ta' evalwazzjoni tal-konformità;
- (c) l-attivitajiet tas-segretarjati ċentrali tal-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni, bħalma huma l-iżvilupp tal-politika, il-koordinazzjoni ta' l-attivitajiet għall-istandardizzazzjoni, l-ipproċessar ta' xogħol tekniku u l-għoti ta' informazzjoni lill-partijiet interessati;
- (d) il-verifika tal-kwalità, u tal-konformità mal-politika u l-leġislazzjoni Komunitarja korrispondenti, ta' l-istandards Ewropej jew ta' kull prodott ieħor ta' l-istandardizzazzjoni;
- (e) it-traduzzjoni, fejn ikun meħtieġ, ta' l-istandards Ewropej jew ta' kull prodott ieħor Ewropew ta' l-istandardizzazzjoni użati bħala appoġġ għall-politika u l-leġislazzjoni tal-Komunità fl-ingwi uffiċjali tal-Komunità li mhumex il-ingwi operattivi tal-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni; it-tħejjija ta' dokumenti li jispjegaw, jinterpretaw u jissimplifikaw l-istandards, kif ukoll it-tħejjija ta' gwidi għall-utenti u ta' dokumenti dwar l-aħjar Prattika;
- (f) attivitajiet li jfittxu li jwettqu programmi ta' assistenza teknika, koperazzjoni ma' pajjiżi terzi u l-promozzjoni u t-titjib tas-sistema Ewropea ta' l-istandardizzazzjoni u ta' l-istandards Ewropej fost il-partijiet interessati fil-Komunità, kif ukoll fuq il-livell internazzjonali.

2. L-attivitajiet imsemmija fil-paragrafu (1)(a) huma eliġibbli għall-finanzjament mill-Komunità biss jekk il-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 98/34/KE jkun ġie kkonsultat dwar it-talbiet li se jitressqu quddiem il-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni.

Artikolu 4

Finanzjament

L-allokazzjonijiet għall-attivitajiet imsemmija f'din id-Deċiżjoni għandhom ikunu stabbiliti kull sena mill-awtorità tal-baġit fil-parametri tal-qafas finanzjarju.

Artikolu 5

Arranġamenti għall-finanzjament

1. Il-finanzjament Komunitarju għandu jkun mogħti:

- (a) f'forma ta' għotjiet ta' flus mingħajr sejħa għal proposti lill-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni biex iwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 3 u lill-korpi b'mandat fatt bażiku skond l-Artikolu 49 tar-Regolament Finanzjarju biex iwettqu, flimkien mal-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni, il-ħidma stipulata fl-Artikolu 3(1)(b) ta' din id-Deċiżjoni;
- (b) f'forma ta' għotjiet ta' flus wara sejħa għal proposti, jew bi proċeduri għall-akkwist pubbliku, lill-korpi oħra biex iwettqu, flimkien mal-korpi Ewropej għall-istandardizzazzjoni, il-ħidma ta' standardizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1)(b) jew il-programmi stipulati fl-Artikolu 3(1)(f).

2. L-attivitajiet tas-segretarjati ċentrali tal-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(1)(c), jista' jkunu ffinanzjati kemm fuq il-bażi ta' għotjiet ta' flus għal azzjonijiet, kif ukoll ta' għotjiet ta' flus għal funzjonament. F'każ ta' tiġdid, l-għotjiet ta' flus għal funzjonament ma għandhomx jitnaqqsu awtomatikament.

3. Il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi l-arranġamenti għall-finanzjament imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, dwar l-ammonti u, fejn ikun meħtieġ, dwar il-perċentaġġ massimu ta' finanzjament skond it-tip ta' attività. Id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward għandhom ikunu ppubblikati.

4. Ftehim ta' għoti ta' flus jistgħu jawtorizzaw kopertura b'rata fissa għall-ispejjeż ġenerali tal-benefiċjarju sa massimu ta' 30 % tat-total ta' l-ispejjeż eliġibbli diretti għal azzjonijiet, ħlief fejn l-ispejjeż indiretti tal-benefiċjarju jkunu koperti permezz ta' għoti ta' flus operattiva ffinanzjata mill-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea.

5. Il-kofinanzjament fil-forma ta' kontribuzzjonijiet mhux finanzjarji għandhom ikunu aċċettati. L-evalwazzjoni tal-kontribuzzjonijiet ta' dan it-tip għandha titwettaq skond ir-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002.

6. L-għanijiet komuni ta' kooperazzjoni u l-kondizzjonijiet amministrattivi u finanzjarji li jirrigwardaw l-għotjiet ta' flus lill-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni għandhom ikunu ddefiniti fil-ftehim qafas ta' sħubija ffirmati mill-Kummissjoni u mill-korpi Ewropej ta' l-istandardizzazzjoni skond ir-Regolament Finanzjarju u r-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002. Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill għandhom ikunu infurmati bil-konklużjoni ta' dawn il-ftehim.

Artikolu 6

Amministrazzjoni u monitoraġġ

1. L-allokazzjonijiet stabbiliti mill-awtorità tal-baġit għall-finanzjament ta' attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni jistgħu jkopru wkoll l-ispejjeż amministrattivi marbuta ma' azzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-tħejija, il-monitoraġġ, l-ispezzjoni, il-verifika u l-evalwazzjoni, li jkunu direttament meħtieġa għall-ksib ta' l-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni, u b'mod partikolari studji, laqgħat, attivitajiet ta' informazzjoni u ta' pubblikazzjoni, spejjeż marbuta man-networks ta' l-informatika għall-iskambju ta' informazzjoni kif ukoll kull spiża oħra għal assistenza amministrattiva u teknika li l-Kummissjoni tista' tuża għall-attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tevalwa r-relevanza ta' l-attivitajiet ta' l-istandardizzazzjoni li jirċievu finanzjament Komunitarju fid-dawl tal-ħtiġijiet tal-politika u tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità u tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar ir-risultat ta' dawn l-evalwazzjonijiet mill-inqas kull ħames snin.

Artikolu 7

Protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji tal-Komunità

1. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li, fl-implimentazzjoni ta' l-attivitajiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni, l-interessi finanzjarji tal-Komunità jkunu protetti bl-applikazzjoni ta' miżuri preventivi kontra l-frodi, il-korruzzjoni u attivitajiet illegali oħra, bit-tweqqi ta' kontrolli effettivi u bl-irkupru ta' pagamenti li tħallsu meta ma jkunx dovuti u, jekk jinstabu irregolaritajiet, permezz ta' pjeni effettivi, proporzjonati u diswasivi, skond ir-Regolamenti (KE,

Euratom) Nru 2988/95, (Euratom, KE) Nru 2185/96 u (KE) Nru 1073/1999.

2. Fir-rigward ta' l-attivitajiet tal-Komunità ffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni, in-nozzjoni ta' irregolarità msemija fl-Artikolu 1 (2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2988/95 għandha tfisser kull ksur ta' dispożizzjoni tal-liġi tal-Komunità jew kull ksur ta' obbligu kuntrattwali li jirriżulta minn att jew ommissjoni ta' operatur ekonomiku li għandu, jew jista' jkollu, l-effett li jippreġudika l-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea jew il-baġits amministrati minnha b'nefqa inġustifikata.

3. Kwalunkwe ftehim u kuntratti li jirriżultaw minn din id-Deċiżjoni għandhom jipprevedu għal monitoraġġ u kontroll finanzjarju mill-Kummissjoni jew minn kwalunkwe rappreżentant awtorizzat minnha, u għal verifika mwettqa mill-Qorti ta' l-Awdituri, li jekk ikun meħtieġ jitwettqu fil-post.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara d-data tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Strasburgu, il-24 ta' Ottubru 2006.

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

J. BORRELL FONTELLES

Għall-Kunsill

Il-President

P. LEHTOMÄKI